MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Numru 929/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**V**

**BUSHRA TRIGANZA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **BUSHRA TRIGANZA** maghrufa bhala Leila, ta' sebgha w tletin sena, bint il-mejjet Abdullah Hesnawi u Preca Hesnawi, imwielda Tripli, Libja, nhar l-hmistax ta' Marzu 1967 u residenti 42, 'Okella Agius', Triq Hal Qormi, Hamrun, detentrici tal-karta tal-identita numru 19624A giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

1. Fil-lejl ta' bejn t-tlieta w ghoxrin u l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2004, ghal habta tas-siegha w nofs ta' filghodu minn vettura tal-ghamla Skoda mudell

Felicia ta’ lewn blu u bin-numru ta’ registrazzjoni FAP 252 li kienet tinsab parkeggjata fil-parkegg tac-Cimiterju tal-Addolorata, li jinsab qrib Triq Hal Luqa, Rahal Gdid, ikkommettiet serq ta’ mobile phone tal-ghamla Motorola, mudell numru tas-serie mhux maghruf, liema mobile phone jiswa mija hamsa w erbghin lira maltin, kif wkoll is-somma ta’ mija u sebghin lira maltin fi flus ghad-detriment ta’ Raymond Sultana minn Santa Lucija, liema serq hu kkwallifikat bil-valur, bil-lok, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha oggetti misruqa jew akkwistati b’qerq.

3. Talli nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Ottubru 2004, waqt li kienet bil-vettura tal-ghamla Skoda mudell Felicia ta’ lewn blu u bin-numru ta’ registrazzjoni FAP 252 li kienet tinsab parkeggjata fl-inhawi ta’ Triq Belt il-Hazna, Floriana, offendiet l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghal pubbliku.

4. Talli tinsab recidiva b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Matla li saru definittivi.

5. Talli kisret il-kundizzjonijiet imposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-ghaxra ta’ April 2002 u fit-tmintax ta’ Gunju 2003.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn l-persuni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hdax ta’ Frar 2005 sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja [fol 19].

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar

nhar l-hdax ta' April 2005 [fol 26] ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tas-sbatax ta’ Jannar 2005 kif jirrizulta a fol 18 tal-atti ghal ewwel akkuza u ghal akkuza ta’ recidiva u talli kisret l-kundizzjonijiet tas-sentenza tat-tmintax ta’ Gunju 2003.

Semghet lil Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza nghatat b’mod alternattiv ghal ewwel akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u taghtha ftit taz-zmien biex jekk trid setghet terga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha ghal akkuza fuq imsemmija giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghha.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputata, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputata ghandha tinstab hatja tal-akkuzi ammessi minnha stess.

Ikkunsidrat;

Illi nhar l-hdax ta’ April 2005, **xehed Raymond Sultana** [fol 27] fejn qal li hu kien mar jaghmel rapport lil Pulizija dwar serq tal-mobile phone tieghu meta kien akkumpanjat mill-imputata, li gharaf presenti fl-awla.  Qal li lil imputata hu kien ilu jafha madwar sitt snin u jafha bl-isem ta’ Leila. Kompla jghid li jum l-incident in kwistjoni u cioe s-Sibt, sitta w ghoxrin ta’ Ottubru 2004, hu kien spicca mix-xoghol ghal habta ta’ nofs il-lejl u mar l-Marsa f’zewg kazini, wiehed tal-Labour u l-iehor tal-football li qeghdin faccata ta’ xulxin.  Qal li meta kien nizel minnn Triq Balbi, il-hwienet kienu maghluqa u ghadda minn hdejn il-knisja, l-imputata gharfitu u waqqfitu bil-karozza u talbitu biex jaghtiha hames liri ghal bintha.  Qal li hu qabad u taha hames liri u wara talbitu ghoxrin lira biex tixtrilha xi haga tal-hwejjeg u qaltlu biex johodha dawra.  Qal li tellghaha

fil-karozza w appena waslu, ghaddew mix-xatt tal-Belt u kif kienu telghin minn hdejn il-Phoenicia u waslu fejn il-containers, fid-daqqa w il-hin nezghet gherwiena u kellu x'jaqsam maghha. Zied jghid li wara li lestew, wassalha sa Triq Okella Agius u hu baqa sejjer. Qal li hi talbitu n-numru tal-mobile tieghu u hu tahulha u hi taghtu taghha. Qal li kienet qaltlu li kellha ccempillu l-ghada. Qal li l-ghada kien xoghol u sab xi *missed calls*. Qal li hu kkomunika maghha u qalilha li setgha jiltaqa maghha f'xi nofs il-lejl. Qal li hu mar l-Izmerg, u ha flixkun birra hemmhekk u meta hareg ghal habta tas-siegha ta' filghodu jew s-siegha w nofs, cemplilha u qaltlu li setgha jigborha minn Triq Okella Agius. Qal li hu kien lest li jmur jiehu café maghha l-ajruport u huma w sejrin, l-imputata regghet nezghet gherwiena quddiemu. Qal li dakinhar hu kien ghajjien u ma jafx x'gara.

Illi fis-seduta tat-tnejn ta' Novembru 2005, l-imputata rregistrat ammissjoni, kif jirrizulta mill-verbal tal-istess seduta a fol 40 tal-atti processwali.

Illi dakinhar tat-tnejn ta' Novembru 2005, il-Qorti nnominat lil Miriam Sevasta sabiex thejji *pre sentencing report* dwar l-imputata.

Illi nhar s-sebgha ta' Dicembru 2005, dehret Miriam Sevasta w ippresentat r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MM. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputata minn ckunita ghaddiet minn hafna problemi minhabba l-fatt li kienet spiccat abbandunata mill-genituri taghha stess u minhabba dan hi ghaddiet zmien twil f'Istitut fi Tripli fejn il-hajja xejn ma kienet ward u zahar. Il-problema kompliet tikber u taggrava meta ta' tmintax il-sena, l-imputata qabdet l-vizzju tad-droga u mhux l-ewwel darba li kkontemplat li taghmel suwicidju. Il-hajja taghha fil-Libja xejn ma hi sabiha specjalment jekk tkun mara. Wara diversi zjarat f'pajjizha, l-imputata ltaqghet ma zewgha u baqghet f'pajjizha. Minn dan z-zwieg twieldet tifla li llum ghandha sitt snin u li tghix maghhom. Illi ghalkemm hi u zewgha ghaddew minn hafna problemi tul il-perjodu li ilhom mizzewwgin, huma familja maqghuda.

L-imputata hija konxja li fil-passat zbaljat, u li mhux l-ewwel darba li kellha x'taqsam mas-sistema gudizzjarja sabiex tkun tista tiehu d-droga. Il-Probation Officer Miriam Sevasta, kkunsidrat diversi fatturi fil-konfront tal-imputata l-aktar l-ambjent negattiv li trabbiet u ghexet fih l-imputata. Jidher li l-imputata telqet minn pajjizha bi skop li tibda hajja gdida post iehor, ghalkemm hi xorta baqghet fil-vizzju tad-droga u presentement tattendi c-centru tad-Detox fejn tinghata l-*methadone*.

Il-Probation Officer Miriam Sevasta hi tal-fehma li piena karcerarja fic-cirksotanzi, tista tkun ta' detriment ghal imputata specjalment minhabba l-fatt li fil-familja hemm tifla ta' sitt snin. Barra minn hekk, l-imputata dejjem attendiet ghal appuntamenti moghtija lilha u sahansitra kkoperat maghha sabiex isir dan r-rapport.

Finalment l-Probation Officer Miriam Sevasta ssuggerit li tigi kunsidrata sentenza fil-komunita b'supervizzjoni sabiex l-imsemmija tinghata l-opportunita li taghraf timxi fit-tieq t-tajba.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputata esebita f'dawn l-atti a fol 57 minn fejn jirrizulta li fuqha hemm registrati tlett *convictions* wahda fuq serq u t-tnejn l-ohra fuq tlajjar fil-pubbliku ghal skop ta' prostituzzjoni.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261(c)(e)(f)(g), 267, 269, 270, 271, 279(b), 280, 281, 334, 289, 209, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputata BUSHRA TRIGANZA hatja tal-ewwel [1], t-tielet [3] w ir-raba [4] akkuza** u tiddecidi li tilqa s-suggeriment tal-Probation Officer Miriam Sevasta li **tpoggi lil hatja taht ordni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu ta' tlett [3] snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta** bil-ghan li hi zzomm boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. L-imputata probationer BUSHRA TRIGANZA ghandha, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett [3] snin, iggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser tigi nominata mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal thoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputata probationer ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominata skond d-direttivi li din taghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment, hija ghandha, jekk l-istess Probation Officer tkun trid hekk, tircievi zjarat min ghandha fid-dar fejn qed tirrisjedi;**

**3. Illi l-imputata probationer ghandha tghix fir-residenza taghha tul l-perjodu kollu ta' tlett [3] snin u tkun tista tbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputata probationer ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominata kull sitt [6] xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata probationer.**

**Dwar t-tieni [2] akkuza, u cioe dik ta' ricettazzjoni, il-Qorti nnutat li din nghatat b'mod alternattiv ghal ewwel akkuza ta' serq w ghalhekk, stante li din il-Qorti sabet lil imputata hatja tal-akkuza ta' serq aggravat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din t-tieni [2] akkuza.**

**Dwar il-hames [5] akkuza u cioe li l-imputata kisret l-kondizzjoni tal-probation moghtija lilha b'sentenza moghtija nhar l-ghaxra ta' April 2002 mill-Qorti tal-Magistrati, il-Qorti tiddikjara li qed ssibha hatja, kif ammess minnha stess u tiddecidi li tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' hamsin [50] lira maltin.**

**Dwar l-akkuza li hija kisret il-kondizzjoni ta' sentenza sospiza moghtija lilha nhar t-tmintax ta' Gunju 2003 mill-Qorti tal-Magistrati, meta nghatat piena ta' prigunerija ta' xahrejn sospizi ghal sentejn, il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi specjali l-ghala ghandha testendi l-operat taghha minhabba l-fatt, kif stqarret l-istess Ufficjal tal-Probation Miriam Sevasta, l-imputata ghamlet progress kbir f'hajjitha u qed taghmel kull mezz biex izzomm 'l boghod mill-hajja kriminali w ghalhekk <u>il-Qorti qed testendi l-effett ta' din s-sentenza ghal perjodu massimu ta' erbgha [4] snin mill-lum</u>.**

**Il-Qorti qeghda wkoll tobbliga lil imputata probationer ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li ma timmostax, ma tingurjax u ma theddidx lil Raymond Sultana taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputata probationer u x'jigri jekk tonqos li tosservaha u l-imputata probationer iddikjarat li fehmet ben tajjeb.

Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan, possibilment l-istess Probation Officer Miriam Sevasta li hejjiet l-*pre sentencing report*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------